MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Rikors Numru. 2762/1999/1

**Fl-atti tar-Rikors dwar stralċ tal-kumpannija *Greys Development Division Limited***

## Il-Qorti:

Reġgħet rat ir-Rikors imressaqfid-9 ta' Diċembru, 1999, li bih intalab l-istralċ tal-kumpannija Greys Development Division Limited, għar-raġunijiet maħsuba fl-artikoli 214(1)(a) u 218 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att");

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Frar, 2005[1], li bih ipprovdiet dwar il-ħatra tal-Avukat Dottor Andrew Borġ-Cardona bħala stralċjarju tal-imsemmija kumpannija;

Rat ir-Rapport imressaq mill-istess stralċjarju fit-8 ta' Mejju, 2008[2], li bih iddikjara li l-pendenzi kollha li seta'

[1] Paġġ. 135 – 6 tal-proċess
[2] Paġ. 155 tal-proċess

kellha l-istess kumpannija issa ntemmu u li l-kumpannija ilha żmien ma twettaq negozju jew atti ta' kummerċ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Mejju, 2008, li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan huwa ordni għall-finijiet tal-artikolu 264 tal-Att;

Illi l-proċess tal-istralċ beda meta l-kumpannija għaddiet riżoluzzjoni straordinarja biex tkun xolta[3];

Illi wara li fliet l-atti tar-Rikors, u qieset ir-Rapport imressaq mill-istralċjarju minnha maħtur, issib li l-ebda kreditur ma ressaq xi pretensjoni oħra dwar il-kumpannija;

Illi jidher li l-kumpannija ilha żmien twil bla ma tagħmel atti ta' kummerċ jew teżerċita negozju[4] u fl-aħħar snin ma kinitx f'qagħda ta' solvibilita' jew li tħallas id-djun li kellha[5];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiddikjara** magħluq il-proċess tal-istralċ tal-kumpannija;
**Teħles** lill-istralċjarju l-Avukat Andrew Borġ-Cardona mill-ħatra tiegħu, għall-finijiet tal-artikolu 244 tal-Att;

**Tordna** t-tħassir ta' isem il-kumpannija mir-reġistru għall-finijiet tal-artikolu 264 tal-Att; u

**Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti biex, għall-finijiet tal-artikoli 244(2) u 264(2) tal-Att u fiż-żmien hemm preskritt, jibgħat kopja awtentikata ta' dan l-Ordni lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.

---

[3] Dok "A", f'paġ. 2 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Paul Stoner 6.12.2000, f'paġġ. 15 – 6 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Patrick Camilleri 23.2.2001, f'paġġ. 109 – 111 tal-proċess

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------